**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 263**
**It-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2024 fl-4:00 p.m.**

**REVIŻJONI TA’ LOCAL PLANS**

**19395. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb jew il-mira li jiġu emendati l-Local Plans tal-2006?

15/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għaqal u r-responsabbiltà jitolbu li ssir reviżjoni komprensiva tal-pjanijiet lokali ta’ Malta u Għawdex, kif qed diġà qed isir.
Il-Gvern jagħraf li jeżistu każijiet partikolari fejn ittieħdu deċiżjonijiet f’żoni speċifiċi fosthom żoni industrijali, ix-xtajta ta’ Wied il-Għajn u l-protezzjoni ta’ Ħondoq ir-Rummien, li kien wieħed mill-ħafna siti ODZ li b’daqqa ta’ pinna fl-2006, spiċċaw f’żoni ta’ żvilupp.

Seduta 263
15/10/2024

**LESA – KIRI TA’ VETTURI - KUNTRATT MA’ SOĊJETÀ**

**19396. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Fid-dawl tal-kuntratt li hemm bejn il-LESA u s-soċjetà li d-dettalji dwarha qegħdin jingħataw separatament, għal kiri ta' 24 vettura bil-valur ta' 108,405 Euro, u wara li s-CEO tal-LESA pubblikament stqarr illi l-LESA qiegħda tfittex parir legali, jista' l-Ministru jgħid xi rriżulta mill-parir legali, x'passi ttieħdu, u x'ser jiġri minn dan il-kuntratt?

15/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li din il-mistoqsija parlamentari hija kelma b’kelma l-istess bħal mistoqsija parlamentari 20514. Nirreferik għall-istess risposta.

Seduta 263
15/10/2024

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA’ KORDIN – NEFQA KAPITALI**

**19397. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'nefqa kapitali saret fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin matul dawn l-aħħar tliet snin? Jista’ jipprovdi wkoll il-valur u fuqiex saret din in-nefqa?

15/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa kapitali tal-Aġenzija għas-Servizzi korrettivi ammontat għal total ta' €6.1 miljun għas-snin 2021-2023. Dawn il-fondi ntefqu fuq diversi proġetti fosthom il-bini ta' klinika ġdida, l-estensjoni tal-faċilità korrettiva ta’ Kordin, xogħol fuq il-gym, xogħol fuq il-Kappella, ix-xiri ta’ scanners, vetturi tas-sigurta’, il-bini ta’ żona ddedikata għat-taħriġ tal-klieb, uffiċini ġodda għall-professjonisti tal-ħabs, titjib fid-diviżjoni forensika u titjib fil-faċilità taż-żgħażagħ. Fl-implimentazzjoni ta’ diversi proġetti kienu involuti wkoll persuni li qed jiskontaw sentenza fl-istess faċilità li ħadmu fuq dawn il-proġetti.

Seduta 263
15/10/2024

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA’ KORDIN - STRUTTURA**

**19398. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi organigramma tat-tmexxija tal-ħabs ta' Kordin, bil-karigi u l-ismijiet tal-persuni li jokkupaw tali karigi?

15/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Iterpellant li l-informazzjoni mitluba qiegħda tidher fit-tabella hawn taħt:

**Faċilità Korrettiva ta' Kordin – Struttura**

| **Position** | **Name** |
|---|---|
| Chief Executive Officer | Christopher Siegersma |
| | |
| Chief Operations Officer | Col (retd) Etienne Scicluna |
| | |
| Head of Finance | Ayrton Mizzi |
| Head Security and Intelligence | Robert Edmondson |
| Head Care, Reintegration & Education | Mariella Camilleri |
| | |
| Deputy Head Administration | Silvio Farrugia |
| Deputy Head Payroll | Pierre Sciberras |

Seduta 263
15/10/2024

**KORP TAL-PULIZIJA - STRUTTURA**

**19399. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi organigramma tat-tmexxija tal-Korp tal-Pulizija bil-karigi u l-ismijiet tal-persuni li jokkupaw tali karigi?

15/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA- STRUTTURA**

**19400. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi organigramma tat-tmexxija tal-Forzi Armati ta' Malta (AFM), bil-karigi u l-ismijiet tal-persuni li jokkupaw tali karigi?

15/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - PUBLIC SERVICE EXPO 2024 - STANDS**

**19989. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-istand tal-Ministeru tiegħu fil-Public Service Expo 2024? Jista' jgħid ukoll jekk minbarra l-istand tal-Ministeru tiegħu kienx hemm stands ta' entitajiet oħra li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu?

13/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-istand tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol fl-Expo 2024 ġiet tiswa €51,180.

F'din l-istand kien hemm attivitajiet varji, fosthom it-tiġdid tal-karti tal-identità, informazzjoni mill-entitajiet Victim Support Agency u l-JobsPlus, il-provvista ta' informazzjoni relatata mal-LESA bil-possibilità li tapplika biex ikollok aċċess għall-portal tal-istess Aġenzija.

Il-forzi dixxiplinati li kienu preżenti huma l-Aġenzija Għas-Servizzi Korrettivi (CSA), il-Forzi Armati ta' Malta (AFM), id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD), kif ukoll il-Pulizija.

Dawn id-dipartimenti/entita' taw dimostrazzjonijiet bi strumenti varji tipikament dawk relatati mal-forensika u l-ballistika u mas-salvataġġ tal-ħajja kif ukoll dimostrazzjonijiet mill-klieb tas-sezzjoni tal-K9, tas-CPD u mit-tim mediku tal-armata.

Infurmat li L-Expo tas-Servizz Pubbliku żaruha 55,000 persuna u kellha t-tema "Ħiliet". L-istess attività mhux biss serviet ta' tieqa għall-avvanzi li saru fl-amministrazzjoni pubblika f'dawn l-aħħar snin b'aċċenn fuq rizorsi umani, teknoloġija u kwalità, iżda tat ukoll opportunità lil dawk preżenti jagħmlu użu minn numru ta' servizz b'kumdità.
Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - PUBLIC SERVICE EXPO 2024 - STANDS**

**19990. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-istand tal-Ministeru tiegħu fil-Public Service Expo 2024? Jista' jgħid ukoll jekk minbarra l-istand tal-Ministeru tiegħu kienx hemm stands ta' entitajiet oħra li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu?
13/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Expo tas-Servizz Pubbliku żaruha 55,000 persuna u kella t-tema "Ħiliet". Fl-istand tal-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika kien hemm servizz ta' informazzjoni dwar ħiliet li jipprovdu l-entitajiet taħt dan il-Ministeru.
Dawn l-entitajiet ipparteċipaw fuq l-istand tal-Ministeru, liema stand ġiet tiswa €60,245:

1. l-Awtorita Maltija għat-Turizmu – din l-entita' għamlet promozzjoni tal-ħidma tagħha permezz ta' Augmented Reality Headsets.
2. L-Istitut tal-Istudji Turistiċi – Saru numru konsiderevoli ta' korsijiet ta' tisjir ta' ħelu tipiku Malti fejn il-pubbliku seta' jipparteċipa. Ingħatat promozzjoni lil korisijiet li toffri din l-entita' inkluż scuba diving.
3. L-Aġenzija għar-*Riġenerazzjoni* taż-Żoni Turistiċi – wirja ta' xogħlijiet li jsiru minn din l-entita' bl-użu ta' props.
4. Il-Kummissjoni Maltija tal-Films – inħoloq Green Screen fejn il-viżitaturi setgħu jieħdu ritratti diġitali ma' karattri relatati mal-films fost l-oħrajn.
5. Id-Diviżjoni tat-Tindif – display ta' makkinarju li din id-diviżjoni tuża fix-xogħol tagħha, fosthom il-cleaning robots. Saret ukoll wirja ta' proġett li jinkludi l-użu ta' drones biex permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali jiġi identifikat skart mormi f'żoni remoti.
6. Dar il-Mediterran għall-Konferenzi – użu ta' applikazzjonijiet ta' Augmented Reality li jintużaw minn din l-entita' biex tattira iktar turisti fil-bini storiku tagħha.

Din l-Expo serviet ta' tieqa għall-avvanzi li saru fl-amministrazzjoni pubblika f'dawn l-aħħar snin b'aċċenn fuq rizorsi umani, teknoloġija u kwalità.
Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - PUBLIC SERVICE EXPO 2024 - STANDS**

**19991. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġiet tiswa l-istand tal-Ministeru tagħha fil-Public Service Expo 2024? Tista' tgħid ukoll jekk minbarra l-istand tal-Ministeru tagħha kienx hemm stands ta' entitajiet oħra li jaqgħu taħt il-Ministeru tagħha?
13/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istand tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir fl-Expo 2024 ġiet tiswa €62,490 u kopriet il-parteċipazzjoni ta' bosta entitajiet fosthom l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, Ambjent Malta, il-kumpanija ARMS, Enemalta, il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Project Green, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u Wasteserv. F'din l-istand kien hemm esebizzjonijiet u attivitajiet interattivi dwar id-diversi oqsma li jaqgħu taħt il-Ministeru u kif dawn l-oqsma jolqtu l-ħajja ta' kuljum tal-poplu tagħna. Permezz tal-istand tal-Ministeru tqajmet ukoll kuxjenza dwar il-ħarsien ambjentali u l-ħtieġa li kulħadd ikun parteċipi sabiex nilqgħu għall-isfidi ambjentali li qed tħabbat wiċċha magħhom id-dinja tagħna.

L-Expo tas-Servizz Pubbliku żaruha 55,000 persuna u kella t-tema 'Ħiliet'. L-istess attività serviet ta' tieqa għall-avvanzi li saru fl-amministrazzjoni pubblika f'dawn l-aħħar snin b'aċċenn fuq rizorsi umani, teknoloġija u kwalità.

Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - PUBLIC SERVICE EXPO 2024 - STANDS**

**19992. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-istand tal-Ministeru tiegħu fil-Public Service Expo 2024? Jista' jgħid ukoll jekk minbarra l-istand tal-Ministeru tiegħu kienx hemm stands ta' entitajiet oħra li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu?

13/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-istand tal-Ministeru għall-Finanzi fl-Expo 2024 ġiet tiswa €56,544.

F'din l-istand kien hemm informazzjoni dwar il-qasam finanzjarju f'pajjizna u l-ħidma tad-Dwana li tissorvelja l-fruntiera tal-pajjiz, u kopriet il-parteċipazzjoni tal-Malta Financial Services Authority u tal-Malta Tax and Customs Authority.

L-Expo tas-Servizz Pubbliku zaruha 55,000 persuna u kella t-tema "Ħiliet". L-istess attività serviet ta' tieqa għall-avvanzi li saru fl-amministrazzjoni pubblika f'dawn l-aħħar snin b'aċċenn fuq rizorsi umani, teknoloġija u kwalità.
Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - PUBLIC SERVICE EXPO 2024 - STANDS**

**19993. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-istand tal-Ministeru tiegħu fil-Public Service Expo 2024? Jista' jgħid ukoll jekk minbarra l-istand tal-Ministeru tiegħu kienx hemm stands ta' entitajiet oħra li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu?

13/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istand tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u nnovazzjoni fl-Expo 2024 ġiet tiswa €54,380.
F'din l-istand kien hemm 2 racing simulators fejn ġiet organizzata kompetizzjoni bejn il-parteċipanti, attivitajiet fuq barra organizzati minn SportMalta, awards organizzati minn National Literacy Agency fuq Digital Story Telling Adventure (year 4 to 6) u Story Telling through Arts and Imagination, awards tal-Minecraft organizzata mid-DDLTS, intwera x-xogħol tal-idejn mgħamul mid-dipartiment tal-loġistika, saru educational talks minngħand id-dipartiment tal-Lifelong Learning rigward korsijiet li jiġu offruti matul is-sena u kif ukoll interazzjoni kontinwa bejn id-dipartiment tad-DDLTS u l-viżitaturi.
L-istand kopriet il-parteċipazzjoni ta' dawn l-entitajiet; National Skills Council, SportMalta, l-Universita ta' Malta, l-MCAST, Esplora, u kif ukoll id-Diprtiment tal-Loġistika, Lifelong Learning u Directorate for Digital Literacy and Transversal skills.

L-Expo tas-Servizz Pubbliku żaruha 55,000 persuna u kella t-tema "Ħiliet". L-istess attività serviet ta' tieqa għall-avvanzi li saru fl-amministrazzjoni pubblika f'dawn l-aħħar snin b'aċċenn fuq rizorsi umani, teknoloġija u kwalità.
Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - PUBLIC SERVICE EXPO 2024 - STANDS**

**19994. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-istand tal-Ministeru tiegħu fil-Public Service Expo 2024? Jista' jgħid ukoll jekk minbarra l-istand tal-Ministeru tiegħu kienx hemm stands ta' entitajiet oħra li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu?

13/06/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-istand tal-Ministeru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali għall-Public Service Expo 2024, ġiet tiswa' €30,925 (eskluż il-VAT).

Fuq l-istand, il-pubbliku kellu l-opportunità jingħata iktar informazzjoni fuq is-servizzi offruti u x'inhuma l-irwoli, ħiliet u karrieri li jeżistu fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu. Ingħatat informazzjoni fuq ix-xogħol li jsir mill-Awtorità tal-Artijiet, l-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, u l-Uffiċċju Konġunt.

L-Expo tas-Servizz Pubbliku żaruha 55,000 persuna u kellha t-tema "Ħiliet". L-istess attività serviet ta' tieqa għall-avvanzi li saru fl-amministrazzjoni pubblika f'dawn l-aħħar snin b'aċċenn fuq ir-riżorsi umani, it-teknoloġija u l-kwalità.
Seduta 263
15/10/2024

**TRIQ LI TWASSAL MIR-RABAT SA TA' SANNAT - XOGĦLIJIET**

**20588. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitkompla x-xogħol fuq il-parti li fadal fit-triq li twassal mir-Rabat sa Ta' Sannat u dan peress li aktar minn tliet snin ilu fi tweġiba kien intqal li dan mistenni jsir fi żmien qasir?

04/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin.
Seduta 263
15/10/2024

**SANTA VENERA - SPAZJI MIFTUĦA**

**20697. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità ta Santa Venera u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? U jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?

09/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li hemm żewġ pjazez u ħames ġonna fil-lokalità li huma meqjusa bħala spazji miftuħa. Il-Kunsill Lokali issottometta żewġ applikazzjonijiet ma' Project Green fejn waħda għal ġnien Romeo Romano ġiet aċċettata u l-oħra le. Il-Kunsill għandu pjanijiet għall-futur biex jiġu maħluqa spazji oħra fil-lokalità.
Seduta 263
15/10/2024

**IS-SIĠĠIEWI - SPAZJI MIFTUĦA**

**20698. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità tas-Siġġiewi u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? U jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?
09/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li hemm numru ta' spazji miftuħa li jinkludu ħames ġonna, erba' pjazez u żoni oħra fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali ma ssottometta l-ebda applikazzjoni ma' Project Green.
Seduta 263
15/10/2024

**TAS-SLIEMA - SPAZJI MIFTUĦA**

**20699. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità ta' Tas-Sliema u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? U jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?

09/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema li hemm tliet pjazez u erba' żoni kkunsidrati bħala spazji miftuħa fil-lokalità. Filwaqt li l-Kunsill Lokali ma ssottometta l-ebda applikazzjoni lil Project Green, għandu pjanijiet biex jiġu maħluqa spazji oħra fil-Lokalità.
Seduta 263
15/10/2024

**SAN ĠILJAN - SPAZJI MIFTUĦA**

**20700. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità ta San Ġiljan u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? U jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?
09/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali San Ġiljan li hemm tliet pjazez u tliet żoni oħra li huma meqjusa bħala spazji miftuħa fil-lokalità. Filwaqt li l-Kunsill Lokali għandu pjanijiet biex jiġu maħluqa spazji oħra f'San Ġiljan, il-kunsill ma ssottometta l-ebda applikazzjoni ma' Project Green.
Seduta 263
15/10/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - SPAZJI MIFTUĦA**

**20701. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità ta San Pawl il-Baħar u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? U jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?
09/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li hemm żewġ pjazez, seba' ġonna u żewġ zoni oħra li huma meqjusa bħala spazji miftuħa fil-lokalità. Fi Frar 2023 saru żewġ applikazzjonijiet ma' Project Green għar-rinovar ta' Ġnien Olimpiku u Ġnien fi Triq l-Erba' Mwieżeb. L-applikazzjoni tar-rinovar ta' Ġnien Olimpiku ma ġietx aċċettata. F'ta l-Erba' Mwieżeb sar Pocket Garden f'parti żgħira min dan il-ġnien li ser ikun jismu Ġnien Kacey Sciberras. Saru wkoll diskussjonijiet b'mod informali fuq biċċa art fi Triq il-Port Ruman biswit l-iskola tal-Qawra.

Seduta 263
15/10/2024

**TA' XBIEX - SPAZJI MIFTUĦA**

**20702. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-lokalità ta' Xbiex u x'hemm ippjanat li jsir jew x'qed isir sabiex jiġu kkrejati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jiġu maħluqa spazji miftuħa ġodda? U jekk iva, x'kien il-feedback li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand din l-entità (Project Green)?

09/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex li hemm żoni li jinsabu bejn il-blokok tal-qasam tal-bini tal-Gvern li huma meqjusa bħala spazji miftuħa fil-lokalità. Għalkemm il-Kunsill Lokali għandu interess illi jagħmel xogħol ta' tisbiħ fil-lokalità permezz ta' proġett ma' Project Green, s'issa ma ssottometta l-ebda applikazzjoni.
Seduta 263
15/10/2024

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**20806. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid attwalment liema huma s-sezzjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva a tenur tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta? Fir-rigward ta' kull sezzjoni tat-Tribunal, jista' jagħti l-elenku tal-assistenti maħtura għal kull sezzjoni, u f'kull każ jgħid meta kull assistent ġie maħtur u meta tiġi fi tmiemha l-ħatra tiegħu?

11/07/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba kienet ġiet ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 4 ta' Ġunju 2024 u kopja tagħha qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Seduta 263
15/10/2024

**LIĊENZJA TAL-KAROZZINI - UNIFORMI TAS-SEWWIEQ**

**20807. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk fil-ħruġ ta' liċenzja biex wieħed isuq jew iżomm karozzin, hemmx ir-rekwiżit li s-sewwieq irid ikun liebes uniformi?

11/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sewwieq ta' karozzin li għandu liċenzja maħruġa lilu mill-Awtorità mhux meħtieġ illi jilbes uniformi waqt li jkun qed isuq il-karozzin, iżda huwa għandu jżomm dehra nadifa u jilbes f'post li tidher sew it-tag maħruġa lilu mill-Awtorità.
Seduta 263
15/10/2024

**L.S. 35.01 - REGOLAMENTI DWAR ID-DRITTIJIET LI JITĦALLSU FID-DIPARTIMENTI TAL-GVERN**

**20822. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: B'referenza għal Leġislazzjoni Sussidjarja 35.01 intitolata 'Regolamenti dwar id-drittijiet li jitħallsu fid-dipartimenti tal-Gvern', jista' l-Ministru jispjega:

i. għalfejn nomenklatura ta' din il-Liġi tagħmel biss referenza għad-drittijiet li jitħallsu fid-dipartimenti tal-Gvern, meta f'xi stanzi d-drittijiet jitħallsu lill-awtoritajiet pubbliċi u mhux lil xi dipartiment tal-Gvern;
ii. għalfejn uħud mid-drittijiet dovuti huma elenkati taħt Ministeri li wħud minnhom jew lanqas għadhom jeżistu jew inbidlet in-nomenklatura tagħhom ... pereżempju 'Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali'?

12/07/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inħarsu lejn dawn ir-regolamenti sabiex eventwalment din il-leġiżlazzjoni tiġi aġġornata.

Seduta 263
15/10/2024

**DIRETTIVA (UE) 2024/1203 DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**20823. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ttieħdu jew huma maħsuba li jittieħdu fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (EU) 2024/1203 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/K?

12/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Onor. Interpellant huwa mitlub jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 263
15/10/2024

**GĦAWDEX – TENDER - SPD3/2024/001**

**20829. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x' inhuma r-raġunijiet u għaliex is-sejħa li ħarġet f'dawn l-aħħar ġimgħat mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar 'Tender for road works including the building of a gravity wall, resurfacing of part of triq ta' Hondoq ir-Rummien Qala, Gozo, in a resource and efficient manner which considers wider environmental impacts' (SPD3/2024/001) u li kella tagħlaq fil-24 ta' Lulju 2024, f'dawn l-aħħar ġranet ma baqgħetx tidher fuq il-website 'etenders.gov.mt'? Jista' jgħid ukoll kemm kienet stmata din is-sejħa, meta kien maħsub li jibda u jitlesta x-xogħol mitlub minn din is-sejħa peress li din il-parti tat-triq kien sar xogħol fuqha mill-Ministru preċedenti, iżda ftit wara bdiet tisfronda?

12/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess tat-tender ġie kkanċellat minħabba raġunijiet ta' termini u kundizzjonijiet li kien hemm bżonn jiġu aġġornati.
Seduta 263
15/10/2024

**ORGANIZZAZZJONI VOLONTARJA - FONDI**

**20894. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20498 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u jgħid kemm ingħataw fondi lill-organizzazzjoni volontarja li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament f'dawn l-aħħar ħames snin?

19/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn Settembru 2019 u Settembru 2024, l-organizzazzjoni volontarja msemmija ingħatat total ta' €3,664,701 li jkopru servizzi ta' Lifeguards f'diversi bajjiet f'Malta, Għawdex u Kemmuna, u First Aid Ambulance waqt avvenimenti li torganizza l-MTA.
Seduta 263
15/10/2024

**STUDENTI TA' ĊITTADINANZA BARRANIJA**

**20906. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il student ta' ċittadinanza barranija nħarġitlu Visa biex jistudja f'istituzzjoni edukattiva f'Malta fl-aħħar għaxar snin? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi ġew dawn l-istudenti u għal liema EQF Level ġew jistudjaw Malta?

24/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.
Seduta 263
15/10/2024

**IL-BELT VALLETTA – PARKEĠĠI PERSONALIZZATI**

**20907. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il parkeġġ personalizzat hemm fil-Belt Valletta għall-użu ta' entitajiet u karigi oħra? Jista' jgħid ukoll f'liema toroq jinsabu dawn il-parkeġġi u min jista' jużahom?

24/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni qed tinġabar.
Seduta 263
15/10/2024

**VALLETTA - PAGEANT OF THE SEAS**

**20908. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa l-Valletta Pageant of the Seas u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, rendikont ta' kif intefqu l-flus, bid-dettalji ta' min tħallas minn dan il-Pageant li dam sagħtejn? Jista' jgħid ukoll kif ingħataw it-tenders?

24/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 263
15/10/2024

**SETTUR PUBBLIKU - CODE OF ETHICS FOR EMPLOYEES IN THE PUBLIC SECTOR**

**20909. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk kienx hemm każijiet fejn inġibdet l-attenzjoni ta' CEOs u/jew uffiċjali li għandhom karigi għolja fis-settur pubbliku, li l-imġieba tagħhom ma kenitx kompatibbli mal-Code of Ethics for Employees in the Public Sector? Jekk iva, jista' jgħid lil kemm persuni nġibdet l-attenzjoni u dwar liema raġuni?

24/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ma kienx hemm dawn it-tip ta każijiet.

Seduta 263
15/10/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KONSULENTI/PERSONS OF TRUST**

**20913. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk għandux konsulenti jew persons of trust li jaħdmu fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru? Jekk hemm, jista' jgħid kemm huma mill-Unjoni Ewropea u kemm huma Third Country Nationals?

25/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti/persons of trust jiġu impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KONSULENTI/PERSONS OF TRUST**

**20914. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux konsulenti jew persons of trust li jaħdmu fil-Ministeru tiegħu? Jekk hemm, jista' jgħid kemm huma mill-Unjoni Ewropea u kemm huma Third Country Nationals?

25/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-konsulenti/persons of trust jiġu impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra. Minnhom ħadd m'huwa mill-Unjoni Ewropea (barra l-Maltin) jew Third Country Nationals.

Seduta 263
15/10/2024

**SETTUR MEDIKU - STAFF**

**20951. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15096, 17517 u 19125 u ċjoè jgħid kemm hemm ħaddiema fis-settur mediku?

06/08/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li hemm 1779 tabib.

Seduta 263
15/10/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI - INFERMIERA**

**20952. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15247, 17522 u 19124 u ċjoè jgħid kemm huwa n-numru ta' infermiera f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni ġewwa l-isptarijiet u r-residenzi kollha individwalment, sew dawk mal-Gvern kif ukoll dawk fis-settur privat u jgħid kemm minnhom huma Maltin, kemm huma barranin u x'nazzjonalità għandhom dawn tal-aħħar?

06/08/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninfora lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba fl-ispatrijiet u residenzi tal-Gvern qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI - TOBBA**

**20953. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15248, 17520 u 19123 u ċjoè jgħid kemm huma Maltin u kemm huma barranin u x’nazzjonalità għandhom in-numru ta’ tobba u speċjalisti f’kull grad u kull speċjalizzazzjoni fl-isptarijiet u residenzi kollha individwalment?

06/08/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninfora lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba fl-ispatrijiet u residenzi tal-Gvern qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI - TOBBA**

**20954. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15248, 17519 u 19122 u ċjoè jgħid kemm huwa n-numru ta’ tobba u speċjalisti f’kull grad u kull speċjalizzazzjoni fl-isptarijiet u residenzi kollha individwalment, sew dawk tal-Gvern kif ukoll dawk tas-settur privat?

06/08/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20953.

Seduta 263
15/10/2024

**SETTUR MEDIKU - STAFF**

**20955. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15096, 17518 u 19121 u ċjoè jgħid kemm mill-ħaddiema fis-settur mediku huma mal-Gvern, kemm minnhom huma mal-privat u kemm minnhom jaħdmu kemm mal-Gvern kif ukoll mal-privat?

06/08/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li minn 1,779 tabib li jaħdmu mal-Gvern, 912 jistgħu jażlu jaħdmux mal-Gvern biss (Kuntratt A) jew jaħdmux mal-Gvern kif ukoll mal-privat (Kuntratt B). Minn dawn id-912 hemm 640 għażlu Kuntratt A u 272 għażlu Kuntratt B.

Seduta 263
15/10/2024

**BIĊĊERIJA PUBBLIKA - NEFQA GĦAL OVERTIME TAS-SECURITIES**

**21015. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa għal overtime tas-securities fil-Biċċerija Pubblika, minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b’xahar?

19/08/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21014.

Seduta 263
15/10/2024

**GĦAMMIERI - NEFQA GĦAL OVERTIME TAS-SECURITIES**

**21016. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa għal overtime tas-securities fl-Għammieri minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

19/08/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21014.

Seduta 263
15/10/2024

**MIŻURA EM 04.043**

**21017. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji dwar il-proposta għall-miżura EM 04.043, immirata biex tistudja u tikkonsidra "Close Passing By Legislation", kif deskritt fil-paġna ta' Inizjattivi u Proġetti għal-Mobbilità Sostenibbli fuq is-sit ta' Transport Malta? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport tal-esperti li tqabbdu u r-riżultat tal-konsultazzjoni mal-istakeholders?

19/08/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-miżura flimkien mal-feedback ta' konsultazzjonijiet preċedenti qegħdin jiġu kkunsidrati b'mod ħolstiku sabiex lejn l-aħħar ta' din is-sena jkun jista' joħroġ għal konsultazzjoni pubblika Pjan Nazzjonali għaċ-ċikliżmu f'Malta.

Seduta 263
15/10/2024

**TRASPORT MALTA - ŻAMMA TAD-DATA TAL-LIĊENZJI TAS-SEWQAN U LIĊENZJI TAL-VETTURI**

**21018. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Trasport Malta żżommx id-data relatata ma' liċenzji tas-sewqan u liċenzji tal-vetturi b'mod diġitali biss, jew jinżammux ukoll kopji fiżiċi tal-informazzjoni?
19/08/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ilha mis-sena 1995 iżżomm data b'mod diġitali relatata ma' liċenzji tas-sewqan u tal-vetturi. Kopji fiżiċi dwar tali informazzjoni bdew jinżammu mis-sena 2015 'il quddiem.

Seduta 263
15/10/2024

**TRANSPORT MALTA - DIĠITALIZZAZZJONI TAL-LIĊENZJI TAS-SEWQAN U LIĊENZJI TAL-VETTURI**

**21019. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid minn liema sena Transport Malta qalbet għal sistema diġitali fejn tidħol informazzjoni relatata ma' liċenzji tas-sewqan u liċenzji tal-vetturi? Jista' jgħid ukoll jekk l-informazzjoni ta' qabel din id-data ġietx diġitizzata, u jekk iva, jgħid jekk inżammux il-kopji fiżiċi?

19/08/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21018.

Seduta 263
15/10/2024

**KAROZZI BLA LIĊENZJA, BLA INSURANCE U BLA NUMBER PLATES**

**21020. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema entità, dipartiment jew istituzzjoni hija responsabbli li tneħħi mit-toroq, karozzi bla liċenzja, bla insurance u bla number plates?

19/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għal Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13, li għal kull buon fini qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - KAŻIJIET URĠENTI - SPECIAL TIME FIL-QORTI**

**21034. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex allokat special time fil-Qorti biex ikunu analizzati każijiet urġenti ta' vjolenza domestika?

20/08/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi apparti li l-Qorti tal-Maġistrati tisma' u titratta b'urġenza dawk il-kawżi ta' vjolenza domestika ta' natura urġenti, l-istess Qorti talloka seduta kull erba' ġimgħat speċifikatament għal dawk il-kawżi ta' vjolenza domestika li jiġu flagged mill-Multi-Agency Risk Assessment and Management (MARAM).

Seduta 263
15/10/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - KAŻIJIET LI JRIDU JINSTEMGĦU L-EWWEL DARBA**

**21035. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' vjolenza domestika li għadhom fuq il-lista biex jinstemgħu għall-ewwel darba?

20/08/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sat-3 t'Ottubru 2024, l-każijiet ta' vjolenza domestika li qegħdin fuq il-lista biex jinstemgħu għall-ewwel darba fil-Qrati ta' Malta huwa fl-ammont ta' 1927 u fil-Qrati ta' Għawdex fl-ammont ta' 12.

Seduta 263
15/10/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - SEDUTI GĦAL KAŻIJIET LI JRIDU JINSTEMGĦU GĦALL-EWWEL DARBA**

**21036. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema hija l-iktar data 'l bogħod għall-ewwel seduta biex każ jibda jinstema' għall-ewwel darba?

20/08/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sat-3 t'Ottubru 2024, l-iktar data 'il bogħod għall-ewwel seduta ta' kawża ta' vjolenza domestika hija dik tad-9 ta' Jannar 2025 fil-Qrati ta' Għawdex u tat-13 ta' Frar 2025 fil-Qrati ta' Malta.

Seduta 263
15/10/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - MAĠISTRATI**

**21037. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm maġistrati li qed jisimgħu każijiet ta' vjolenza domestika bħalissa u x'inhi l-case load tagħhom?

20/08/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 3 Maġistrati li bejniethom jisimgħu kawżi sommarji ta' vjolenza domestika u kumpilazzjonijiet ta' każijiet ta' vjolenza domestika.

Fil-Qrati ta' Għawdex hemm Maġistrat wieħed illi jisma' l-kawżi kollha kriminali fosthom dawk ta' vjolenza domestika.

Il-Gvern diġa ħabbar l-intenzjoni li jkompli jkabbar il-korp tal-Ġudikatura, inkluż b'aktar Maġistrati u dan biex inkomplu noffru aktar attenzjoni lil dawn it-tip ta' kawżi. Dawn il-każijiet fil-passat kienu jintilfu ma' kawżi oħra b' reati li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-vjolenza domestika.

F'din il-leġiżlatura, minn massimu ta' 2 seduti fil-ġimgħa, l-ammont ta' seduti tela' għal medja ta' bejn 6 u 8 seduti fil-ġimgħa u ddaħħlet il-prattika li jkollok Maġistrati ffukati wkoll fuq kumpilazzjonijiet ta' każijiet ta' vjolenza domestika.

Seduta 263
15/10/2024

**NISA F'IMPJIEG**

**21038. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm nisa f'impjieg sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:

i. Kemm minnhom huma Maltin?
ii. Kemm minnhom huma barranin?
iii. X'tip ta' impjieg jinsabu fih, maqsuma f'full-time, reduced full-time u part-time?

20/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li n-numru ta' nisa jaħdmu full-time u part-time bħala x-xogħol ewlieni tagħhom, sal-aħħar t`April 2024 kien ta' 130,983. Qiegħed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra tabella li turi t-tip ta' impjieg li kienu jinsabu fih, maqsuma f`Maltin u barranin u f`full-time, full-time reduced hours u part-time, bħala x-xogħol ewlieni tagħhom.

Seduta 263
15/10/2024

**NISA SELF-EMPLOYED**

**21039. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn nisa self-employed? Kemm minnhom huma Maltin u kemm minnhom huma barranin?

20/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li n-numru ta' nisa self-employed full-time u part-time bħala x-xogħol ewlieni tagħhom, sal-aħħar t`April 2024 huwa ta` 13,158, li minnhom 9,859 huma Maltin u 3,299 huma barranin.

Seduta 263
15/10/2024

**ERA - STOP AND COMPLIANCE ORDERS**

**21117. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm inħarġu ordnijiet ta' Stop and Compliance mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) xahar b'xahar mill-2016 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
02/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21101.
Seduta 263
15/10/2024

**KORRIMENTI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL - BENEFIĊĊJU - APPLIKAZZJONIJIET**

**21138. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19937, jista' l-Ministru jgħid kemm mit-891 talba sottomessa għall-benefiċċju relatat mal-korriment fuq il-post tax-xogħol, ġew milqugħa sal-aħħar ta' Awwissu? Jista' jgħid ukoll kemm żdiedu l-applikazzjonijiet relattivi sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
03/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mit-891 applikazzjoni sottomessa għall-benefiċċju relatat mal-korriment fuq il-post tax-xogħol kien hemm:
- 636 każ li tħallsu
- 233 każ li ma kinux milqugħa
- 22 każ li għadom pendenti.

Kien hemm 803 applikazzjonijiet ġodda sakemm qed titħejja din it-tweġiba.
Seduta 263
15/10/2024

**ĦAL TARXIEN - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**21139. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19785 u jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit f'Ħal Tarxien u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?
03/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul is-sena 2023 kien hemm 609 benefiċċjarju tal-In Work Benefit residenti f'Ħal Tarxien. Flimkien mal-In Work Benefit, il-benefiċċjarji komplessivament rċevew dawn il-benefiċċji/allowances/pensjonijiet elenkati fit-tabella ta' hawn taħt.

| **Benefiċċji / Pensjonijiet** | **Benefiċċjarji 2023** |
|---|---|
| Benfiċċju Addizzjonali għall-Ogħli tal-Ħajja | 164 |
| Allowance għat-Tfal | 451 |
| Bonus għat-Twelid | 2 |
| Assistenzagħal Diżabilità | 3 |
| Allowance għal Tfal b'Diżabilità | 27 |
| Pensjoni għal Korriment | 1 |
| Pensjoni tar-Romol | 2 |
| Foster Child Allowance | 1 |
| Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol | 7 |
| Pensjoni Kontributorja | 1 |
| Maternity Leave Benefit | 3 |
| Marriage Grant | 5 |
| Benefiċċju għal Mard | 109 |

Seduta 263
15/10/2024

**LANDSCAPE CONVENTION - PROĊESS TA' RATIFIKA**

**21140. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19660 u dawk preċedenti, tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju wasal il-proċess ta' ratifika tal-Landscape Convention?

03/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess ta' ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għadu għaddej.

Seduta 263
15/10/2024

**SANTA LUĊIJA - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**21141. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19783 u jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit f'Santa Luċija u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?

03/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, matul is-sena 2023 kien hemm 108 benefiċċjarju tal-In Work Benefit residenti f'Santa Luċija. Flimkien mal-In Work Benefit, dawn il-benefiċċjarji komplessivament rċevew dawn il-benefiċċji/allowances/pensjonijiet elenkati fit-tabella ta' hawn taħt.

| **Benefiċċji / Pensjonijiet** | **Benefiċċjarji 2023** |
|---|---|
| Benfiċċju Addizzjonali għall-Ogħli tal-Ħajja | 28 |
| Allowance għat-Tfal | 76 |
| Allowance għal Tfal b'Diżabilità | 6 |
| Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol | 3 |
| Pensjoni Kontributorja | 1 |
| Marriage Grant | 1 |
| Benefiċċju għal Mard | 17 |
| Assistenza għal Diżabilità | 3 |

Seduta 263
15/10/2024

**IL-KALKARA - TRIQ SANTU ROKKU - ZEBRA CROSSINGS**

**21142. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19656, jista' l-Ministru jara li sakemm isir l-upgrade minnu indikat fil-bidu ta' Triq Santu Rokku, il-Kalkara min-naħa tal-Kunvent tal-Kapuċċini, isiru dawn iż-żewġ zebra crossings sabiex inaqqsu l-periklu għall-pubbliku?
03/09/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Kunvent tal-Kapuċċini, immarkat bil-blu hawn fid-dokument li qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, huwa mdawwar bit-toroq Santa Liberata, Ġużeppi Valerju Abela u Kapuċċini. Triq Santu Rokku, immarkata bl-aħmar, ma tmissx mal-Kunvent tal-Kapuċċini. Għaldaqstant, l-Onor. Interpellant huwa mitlub juri eżatt fejn qiegħed jissuġġerixxi li jsiru ż-żewġ zebra crossings sabiex l-Awtorità għat-Trasport tkun tista' tevalwa din it-talba.

Seduta 263
15/10/2024

**IL-GUDJA - IN-WORK BENEFIT U BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**21143. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19781 u jgħid kemm kien hemm persuni li matul is-sena 2023 ibbenefikaw mill-In-Work Benefit fil-Gudja u kemm irċevew komplessivament f'benefiċċji soċjali?

03/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, matul is-sena 2023 kien hemm 158-il benefiċċjarju tal-In Work Benefit residenti il-Gudja. Flimkien mal-In Work Benefit, il-benefiċċjarji komplessivament rċevew dawn il-benefiċċji/allowances/pensjonijiet elenkati fit-tabella ta' hawn taħt.

| Benefiċċji / Pensjonijiet | Benefiċċjarji 2023 |
|---|---|
| Benfiċċju Addizzjonali għall-Ogħli tal-Ħajja | 27 |
| Allowance għat-Tfal | 122 |
| Bonus għat-Twelid | 2 |
| Carers Grant | 0 |
| Allowance għal Tfal b'Diżabilità | 6 |
| Pensjoni għal Korriment | 1 |
| Pensjoni tar-Romol | 3 |
| Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol | 2 |
| Maternity Leave Benefit | 2 |
| Pensjoni tal-Invalidita | 1 |
| Benefiċċju għal Mard | 26 |
| Assistenza għal Diżabilità | 1 |

Seduta 263
15/10/2024

**GĦAJN TUFFIEĦA - TORRI TAL-GĦASSA - MANUTENZJONI**

**21150. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se ssir il-manutenzjoni meħtieġa fuq it-Torri tal-Għassa, f'Għajn Tuffieħa, li kien ġarrab ħsarat fil-maltempata ta' Frar tas-sena l-oħra, u li ilu għal bosta xhur armat bl-iscaffolding?

05/09/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li qegħdin isiru taħditiet bejn entitajiet differenti fosthom l-Aġenzija għar-Reġenerazzjoni taż-żoni Turistici fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, l-Awtorità' tal-Artijiet fil-Ministeru għall-Artijet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u d-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali sabiex isiru ix-xogħlijiet meħtieġa. Bi preparazzjoni saret id-dokumentazzjoni tal-ħsarat u l-istimi tax-xogħolijiet neċessarji mid-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni waqt li l-Awtorità' tal-Artijiet ipprovdiet l-armar sabiex il-ħsara ma tkomplix tikber.
Seduta 263
15/10/2024

**IŻ-ŻURRIEQ - ĊISTERNI U ARTIFATTI STORIĊI FL-INĦAWI TAN-NIGRET**

**21151. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għamlitx studji dwar artifatti possibilment storiċi u ċisterni li ġew skoperti waqt il-proċess ta' tħammil tal-medda ta' art agrikola fl-inħawi tan-Nigret, iż-Żurrieq, u jgħid jekk huwiex qed jiġi kkunsidrat li ċ-ċisterni u l-artifatti jiġu inkorporati fl-ispazji miftuħa ta' kwalunkwe applikazzjoni li l-Awtorità tal-Ippjanar tapprova biex tiġi żviluppata l-art in kwistjoni?
05/09/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-artefatti imsemmijin instabu waqt evalwazzjoni arkeoloġika li intalbet waqt l-iproċessar ta' PC/0061/22. Is-Sovrintendenza hi infurmata dwar dawn il-fdalijiet u tkun tista tikkummenta fuq dawn l-artefatti, u jekk hux se jiġu integrati fi żvilupp, jew le, ġaladarba tiġi konkluża l-investigazzjoni.
Seduta 263
15/10/2024

**TENDER FOR THE PROVISION OF MONITORING AND ENFORCEMENT SERVICES FOR THE ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**21152. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-Tender for the provision of Monitoring and Enforcement Services for the Environment and Resources Authority, li l-Awtorità operat taħtu għal dawn l-aħħar snin biex tingaġġa ħaddiema għall-monitoraġġ u infurzar?

05/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi kopja tad-dokument mitlub fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**TRANSPORT MALTA - UŻU TA' DGĦAJJES GĦALL-INFURZAR MARITTIMU**

**21153. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm tagħmel użu Transport Malta minn dgħajjes ta' kuljum biex twettaq infurzar marittimu kontra illegalitajiet hekk kif ikunu speċifikati fin-Notices to Mariners?

05/09/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-Taqsima tal-Infurzar Marittimu u t-Taqsima tal-Ispettorat tal-Port huma bħalissa mgħammra bi flotta ta' tlett bastimenti speċjalizzati għall-użu ta' spezzjonijiet kif ukoll sabiex jiġi żgurat l-infurzar tar-regolamenti marittimi ta' kuljum.

Seduta 263
15/10/2024

**VERŻJONI GĦAT-TFAL TAL-ISTRATEĠIJA TA' MALTA GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI GĦALL-2050**

**21154. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-verżjoni għat-tfal tal-Istrateġija ta' Malta għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2050?

05/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi kopja tad-dokument mitlub fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**SKEJJEL MALTIN - 500 PROĠETT**

**21155. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka liema huma l-proġetti (wieħed, wieħed) mill-500 proġett li saru fl-iskejjel Maltin? Jista' jgħid ukoll min għamel ix-xogħol ta' kull proġett; u kemm sewa kull proġett?

06/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**SENA SKOLASTIKA 2023 - 2024 - LAPTOPS GĦALL-ISTUDENTI TAS-SEBA' SENA**

**21156. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-istudenti li kellhom jieħdu l-laptop is-sena li għaddiet (2023-2024) minħabba li kienu fis-seba' sena u ma ħaduhx, humiex se jkunu qed jieħduh matul is-sena skolastika li jmiss?

06/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għas-sena skolastika li jmiss kemm l-istudenti tas-7 sena u kif ukoll dawk tat-8 sena ser jingħataw laptop. Dan jgħodd kemm għall-iskejjel statali u kif ukoll dawk mhux statali.

Seduta 263
15/10/2024

**SENA SKOLASTIKA 2023 - 2024 – LAPTOPS LI ĠEW IMQASSMA LILL-ISTUDENTI**

**21157. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il laptop tqassam lill-istudenti matul is-sena skolastika li għaddiet (2023-2024) u jelenka liema kienu dawk l-iskejjel li bbenefikaw minn din l-iskema?

06/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-laptops għadhom ma tqassmux minħabba li hemm appell.

Seduta 263
15/10/2024

**SENA SKOLASTIKA 2024 - 2025 – LAPTOPS GĦALL-ISTUDENTI**

**21158. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma t-tfal u f'liema skejjel jattendu, li ser ikunu qed jieħdu l-laptop matul is-sena skolastika li jmiss (2024-2025)?

06/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21156.
Seduta 263
15/10/2024

**BIDLA FL-ISMIJIET TAL-ISKEJJEL STATALI - NEFQA**

**21159. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux stima ta' kemm se tkun qed tiswa l-bidla fl-ismijiet tal-iskejjel statali (biex issir il-bidla kompleta b'dak kollu li jeħtieġ), u jista' jagħti rendikont, skola skola, ta' x'inhu l-ammont totali previst li se tonfoq kull skola għal din il-bidla?

06/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jekk l-iskejjel ikollhom bżonn ibidlu jew jgħamlu emenda tas-signage, dawn ser ikunu qed jimxu mal-proċeduri tal-procurement stabbiliti. Il-bidla tal-isem fuq il-letterhead u l-firma diġitali ma tinkorpora l-ebda spiża.
Seduta 263
15/10/2024

**SKEJJEL PRIMARJI TAL-ISTAT – NQTS**

**21160. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il għalliem regolari daħal ġdid mal-iskejjel primarji tal-Istat u li għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa biex jgħallem fil-primarja bħala Newly Qualified Teacher (NQT) fis-sena skolastika li jmiss?

06/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'din is-sena skolastika daħlu tlieta u erbgħin (43) għalliema ġodda mal-iskejjel primarji tal-Istat u għandhom il-kwalifiki kollha meħtieġa biex jgħallmu fil-primarja bħala Newly Qualified Teacher (NQT).

Seduta 263
15/10/2024

**SPTAR MATER DEI – UNIFORMIJIET LILL-PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA**

**21344. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jingħataw l-uniformijiet lill-professjonisti tas-saħħa fl-Isptar Mater Dei wara li kellhom jistennew snin biex ittieħdu l-qisien u issa ilhom xhur li ttieħdu dawn il-qisien?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob l-Onor. Interpellant sabiex jispeċifika għal-liema professjonisti qed jirreferi.

Seduta 263
15/10/2024

**PODJATRIJA – UŻU TA' SINGLE USE INSTRUMENTS**

**21345. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex strumenti u nail clippers li jintużaw fil-podjatrija qed jinxtraw single use instruments, fejn qabel dawn kienu jintużaw ħafna drabi wara li jiġu sterilizzati kull darba li jintużaw?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 14427 u 15315.

Seduta 263
15/10/2024

**L-IMDINA - HOWARD GARDENS**

**21346. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli għal Howard Gardens biswit l-Imdina?

23/09/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Kunsill Lokali.

Seduta 263
15/10/2024

**WIED IL-QLEJGĦA – KONTROLL TAL-POPOLAZZJONI TAL-CRAYFISH**

**21347. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-pjan biex tiġi kontrollata l-popolazzjoni tal-crayfish u x'sar s'issa f'Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes) f'dan ir-rigward?

23/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għal Wied il-Qlejgħa hemm fis-seħħ Ftehim ta' Tmexxija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), l-Awtorità għall-Enerġija u l-Ilma u Nature Trust Malta għaż-żamma u r-restawr tal-ambjent naturali tas-sit. Wieħed mill-objettivi huwa t-tneħħija ta' speċi aljeni u invażivi mill-wied fosthom iċ-ċkala tal-ilma ħelu (crayfish). Bl-isforzi li saru matul l-aħħar sentejn tneħħew madwar 4,500 minn din l-ispeċi u l-pjan hu li dan l-isforz jibqa' għaddej biex tkompli tiġi kontrollata l-popolazzjoni tagħha.

Seduta 263
15/10/2024

**WIED IL-QLEJGĦA – XOGĦLIJIET**

**21348. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta ser ikun lest ix-xogħol f'Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes) wara li tliet snin ilu t-triq biswit il-wied kienet ġarrbet ħsara, u issa għaddew sentejn mindu fi tweġiba għal mistoqsija parlamentari simili li kienet saret dak iż-żmien kien intqal li x-xogħol kien waqaf minħabba li għamlet ix-xita fis-sajf?

23/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infakkar lill-Onor. Interpellant li wara l-mistoqsija parlamentari li qed jirreferi għaliha, huwa stess kien għamilli mistoqsijiet oħrajn fejn perjodikament staqsa dwar fiex wasal ix-xogħol f'Wied il-Qlejgħa u kull darba tajtu tweġiba billi spjegajt l-andament ta' dan il-proġett. Fid-dawl ta' dan, nirreferih partikolarment għat-tweġibiet li tajtu għall-mistoqsijiet parlamentari 11541, 14426 u 20240.

Barra minn hekk, ftit tal-ġimgħat ilu nħarġet ukoll stqarrija pubblika bejn il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi x-xogħol, li fiha wkoll ġie spjegat fiex wasal il-proġett li qed isir b'kollaborazzjoni bejn Infrastructure Malta (IM) u l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA). Filwaqt li qed inpoġġi kopja ta' din l-istqarrija fuq il-Mejda tal-Kamra, inżid li meta jitlestew ix-xogħlijiet strutturali, ikun imiss li l-mejnijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li għaddejjin tul it-triq jiġu trasferiti fi struttura apposta li nbniet għalihom taħt it-triq u wara jsiru x-xogħlijiet finali tal-wiċċ tat-triq u l-bini mill-ġdid tal-ħajt tas-sejjieħ.

Seduta 263
15/10/2024

**IR-RABAT, MALTA – BARRIERA FIL-LIMITI TA' SANTA KATERINA**

**21349. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'sar minn meta saret mistoqsija parlamentari 6616 f'Marzu 2023 biex jieqaf l-abbuż u ma tibqax tikber il-muntanja ta' terrapien f'barriera fil-limiti ta' Santa Katerina, ir-Rabat (ordnijiet tal-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi: OWK0025/19)? Tista' tgħid meta saru spezzjonijiet fuq is-sit u jekk ħarġux xi ordnijiet jew multi?

23/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** B'żieda mat-tweġiba li tajt lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 7079, li kien għamel sussegwentement għal 6616, inżid ninformah li l-Ordni ta' Waqfien u Konformità (OWK) li ħarġet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fuq is-sit għadha fis-seħħ. Minn Marzu 2023 sad-data tar-risposta, l-ERA wettqet 8 spezzjonijiet fil-barriera msemmija - 4 spezzjonijiet fl-2023 u 4 oħra matul l-2024.
Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**21470. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2024?

01/10/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W304.
Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**21471. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2024?
01/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W305.

Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**21472. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2024?

01/10/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 306.

Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**21473. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2024?

01/10/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant jirrefri għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija Parlamentari W307.

Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**21474. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Settembru 2024?

01/10/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W308.

Seduta 263
15/10/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**21475. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2024?

01/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 19955.

Seduta 263
15/10/2024

**DJAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI - INĊENTIVI U BENEFIĊĊJI**

**21595. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inċentivi u x'benefiċċji għandhom anzjani li jagħżlu li jidħlu fid-djar residenzjali privati?

08/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li anzjani li jagħżlu li jidħlu fid-djar residenzjali privati fejn l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità ma tixtrix sodod, jibbenefikaw minn servizzi b'xejn bħal dawk ta' social work, terapija tal-familja, u servizz ta' tissue viability li jingħataw fl-istess djar residenzjali privati.

Seduta 263
15/10/2024

**DJAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI - WAITING LIST**

**21596. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-MInistru jgħid x'inhu l-pjan tal-Gvern biex jara li l-waiting list twila li teżisti għad-dħul fid-djar residenzjali tal-anzjani, tonqos?

08/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li hemm diversi pjanijiet biex tiġi indirizzata l-lista ta' stennija għad-dħul fid-djar residenzjali tal-anzjani. Kull sena, il-Gvern qed jixtri iktar sodod fi djar residenzjali privati, biex ikun jista' jakkomoda aktar anzjani. Barra minn hekk, qed jissaħħu u jiżdiedu s-servizzi fil-komunità sabiex ngħinu lill-anzjani jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom għal perjodu itwal. Dan jgħinhom biex jibqgħu indipendenti u jkollhom kwalità ta' ħajja għolja.

Seduta 263
15/10/2024

**L-IMSIDA - JUNIOR COLLEGE - LETTURI**

**21612. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' letturi fuq bażi full-time u part-time li hemm fil-Junior College l-Imsida?

08/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentament hemm 163 impjegat full-time u 56 impjegat part-time.

Seduta 263
15/10/2024

**L-IMSIDA - JUNIOR COLLEGE - LETTURI FULL TIME - KWALIFIKI**

**21613. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm mil-letturi full time li hemm fil-Junior College fl-Imsida għandhom kwalifiki fil-livell ta':
i. Baċċellerat;
ii. Masters;
iii. Dottorat?

08/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;
i. Baċċellerat - 163
ii. Masters - 144
iii. Dottorat – 47
iv. MD – 1
Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li mill-219-il impjegat bejn dawk full-timers u part-timers imsemmija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21612, hemm xi impjegati li għandhom iżjed minn kwalifika waħda.

Seduta 263
15/10/2024

**L-IMSIDA - JUNIOR COLLEGE – STUDENTI LI APPLIKAW/GĦAMLU L-EŻAMIJIET**

**21614. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' studenti tal-Junior College fl-Imsida li (a) applikaw (b) attwalment għamlu l-eżamijiet tal-livell ta' (a) Intermediate (b) Advanced fis-suġġetti kollha li jiġu offruti fis-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024? Jista' jgħid ukoll x'kien in-numru ta' studenti li kellhom A, B, C u D f'dawn l-eżamijiet?

08/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| Sena | Reġistrazzjonijiet |
|---|---|
| 2020 | 721 |
| 2021 | 1163 |
| 2022 | 1056 |
| 2023 | 870 |
| 2024 | 1122 |

Infurmat li informazzjoni addizzjonali ma tistax tiġi ppublikata.

Seduta 263
15/10/2024

**IL-BELT, VALLETTA - DAR IL-MEDITERRAN GĦALL-KONFERENZI - SLAVES HALL**

**21615. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa b'kollox ir-restawr tal-iSlaves Hall ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta u jagħti rendikont ta' kollox separatament? Jista' jgħid kemm fondi Ewropej intużaw għal dan il-proġett? Jista' jgħid ukoll jekk hux qed jerġa' jsir xi xogħol ieħor f'din is-sala u jsemmi għalxiex u kemm hi n-nefqa?

08/10/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-investiment li sar fl-iSlaves Hall ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi sewa €1,014,058 li minnhom €537,882 ġew ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Permezz ta' dan l-investiment, spazju mitluq u bla użu, ġie konvertit f'lok prestiġġjuż ideali għall-konferenzi, laqgħat u esibizzjonijiet.
Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa mhu jsir l-ebda xogħol ieħor f'dan is-sit.
Seduta 263
15/10/2024

**DAR TAL-MEDITERRAN GĦALL-KONFERENZI - BALLU TAL-KARNIVAL 'CARNEVALE' - NEFQA**

**21616. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa totali tal-Ballu tal-Karnival, bl-isem ta' 'Carnevale' li sar ġewwa d-Dar tal-Mediterran għall-Konferenzi tas-snin 2022 u 2023?

08/10/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għal diversi snin, it-tmexxija tal-MCC ikkunsidrat il-possibilita' li tittella' attivita' ta' kwalita' f'dawn ix-xhur imsejħin "shoulder months". Fl-2023 tnieda l-ballu tal-karnival imsejjaħ *Ballo in Maschera.* L-intenzjoni wara din l-għażla kienet illi jiġi provdut spettakklu li jappella kemm għal Maltin kif ukoll għat-turisti li jżuruna f'dawn il-żminijiet tas-sena. Dan l-avveniment offra wkoll spazju adekwat lil diversi artisti lokali minn dixxiplini diversi biex jesponu t-talenti tagħhom. Dan l-avveniment kompla jikkonsolida lil Malta u ċ-Ċentru tal-Konferenzi fin-niċċa kulturali imsejsa fuq realtajiet storiċi. In-nefqa kienet ta' €101,212.

Seduta 263
15/10/2024

**ĦAL QORMI - XELTERS QUDDIEM IR-RAMPA TAL-KNISJA L-KBIRA TA' SAN BASTJAN**

**21617. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslet u x'instab s'issa mis-site inspection tax-xelters li qed isir mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li jinsabu f'Ħal Qormi, quddiem ir-rampa tal-Knisja l-kbira ta' San Bastjan? Jista' jgħid ukoll jekk dan ix-xelter hux ser jibqa' aċċessibbli għall-pubbliku jew jekk hemmx xi pjanijiet oħrajn?

08/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.
Seduta 263
15/10/2024

**SPTAR MATER DEI – PAZJENTI LI QED JISTENNEW BIEX JIDĦLU F'RESIDENZA TAL-ANZJANI – TNAQQIS FIL-PENSJONI**

**21650. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21381 u jgħid minn meta jibda t-tnaqqis fil-pensjoni tal-anzjani li jkunu qegħdin fl-Isptar Mater Dei jistennew li jidħlu jew f'dar residenzjali jew fir-Residenza San Vincenz de Paul? Jista' jgħid ukoll x'inhi r-rata ta' tnaqqis fil-pensjoni ta' dawn l-anzjani?
08/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li t-tnaqqis tal-pensjoni relatata, jidħol fis-seħħ mid-data li l-professjonisti mediċi jiddikjaraw li l-persuna tikkwalifika għal-residenza fit-tul, f'waħda mill-istituzjonijiet apposta u allura ma tkunx iktar titqies bħala pazjent/a ġewwa l-Isptar.
Ir-rata applikabbli mid-data msemmija aktar qabel f'din-ir-risposta, f'każ ta' trattament tat-tieni livell, hija dik ta' 80% minn kull pensjoni, u 60% ta' kull qliegħ ieħor li jsir matul is-sena kalendarja.
Il-kontribuzzjoni li ssir mir-resident, m'għandiex tkun waħda tali li tħalli r-resident b'inqas minn €1397.62 fis-sena għad-dispozizzjoni tiegħu.

Seduta 263
15/10/2024

**IL-FURJANA – DAR IL-MISTRIEĦ – XOGĦOL TA' RINNOVAZZJONI**

**21651. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21463 u jgħid min kienu l-kuntratturi li għamlu x-xogħol ta' rinnovazzjoni f'Dar il-Mistrieħ, il-Furjana? Jista' jgħid ukoll x'kien il-valur ta' kull servizz li ngħata kif ukoll jekk dan is-servizz ingħatax b'direct order jew b'tender?

08/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettalji mitluba ser jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 263
15/10/2024

**PRODOTTI LOKALI - TIKKETTI**

**21660. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx introdotti tikketti li jidentifikaw prodotti lokali u jipprovdu traċċabbilità għall-ħaxix, frott u ħut frisk sabiex nippromwovu użu tal-prodotti lokali? Jista' jgħid ukoll f'liema swieq u liema prodotti qed ikollhom dawn it-tikketti?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-frott, il-ħaxix u kif ukoll il-ħut li jinbiegħu mis-swieq ċentrali, jiġifieri l-Pitkalija u l-Pixkerija rispettivament, kollha jinħarġu bit-tiketti ta' traċċabilità.
Barra minn hekk, il-Gvern għaddej b'tibdil leġislattiv sabiex isaħħaħ it-traċċabiltà tal-prodotti li jinbiegħu mis-swieq ikkontrollati mill-Malta Food Agency. Dan sabiex l-informazzjoni kollha meħtieġa tasal lill-konsumatur, speċjalment informazzjoni dwar l-orġini tal-prodott.

Seduta 263
15/10/2024

**PRODUCT DESIGNATED OF ORIGIN - PRODOTTI MALTIN LI ĠEW IRREĠISTRATI**

**21661. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid liema prodotti Maltin ġew irreġistrati bħala Product Designated of Origin u f'liema data saret din ir-reġistrazzjoni għall kull prodott irreġistrat?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 263
15/10/2024

**AGRI FAIR**

**21662. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa lill-Gvern l-organizzazjoni tal-Agri Fair li saret sentejn ilu u din is-sena separatament u għall-liema servizzi? Għall kull darba li ġiet organizzata l-Agri Fair separatament, l-għoti ta' dawn is-servizzi ngħataw wara ħarġa ta' offerti, b'sistema ta' 'quotations' jew b'direct order? Għall kull darba li ġiet organizzata l-Agri Fair separatament, min ibbenefika minn dawn l-offerti, 'quotations' u direct orders? Kemm kien l-ammont fi flus f'kull każ u għal liema servizzi saret kull nefqa?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġia tal-mistoqsija parlamentari 1111, qed inpoġġi wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 263
15/10/2024

**AGRI FAIR - PARTEĊIPANTI/ESEBITURI**

**21663. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu l-parteċipanti/esebituri tal-Agri Fair li ġiet organizzata sentejn ilu u din is-sena separatament?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 263
15/10/2024

**AGRI FAIR - DĦUL**

**21664. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħħal flus il-Gvern mill-organizzazjoni tal-Agri Fair ta' sentejn ilu u ta' din is-sena separatament u minn xiex?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li d-dħul mill-Agrifair ta' sentejn ilu kien dak ta' €34,631.00, filwaqt li għal din is-sena id-dħul kien jammonta għal €48,231.93.

Seduta 263
15/10/2024

**XIRI TA' ĠWIEŻ U DQIQ - SUSSIDJI**

**21665. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħareġ flus il-Gvern, minn Ottubru 2023 sa Settembru 2024, maqsuma xahar b'xahar, biex ingħataw sussidji biex jinxtara l-ġwież u dqiq separatament, sabiex tkompli tiġi sostnuna l-istabbilità fil-prezz tal-ikel bażiku?
09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Ottubru 2023 sa Settembru 2024, l-għajnuna li tal-Gvern fir-rigward tal-istabbilità tal-prezzijiet għall-ikel li tkopri l-ġwież u d-dqiq kienet dik ta' €5,776,728.83 skont it-tabella segwenti:

| Perjodu | Ġwież | Qamħ u Dqiq |
|---|---|---|
| **2023** | | |
| Ottubru | €634,460.22 | €276,247.73 |
| Novembru | €405,502.32 | €293,463.96 |
| Diċembru | €110,022.73 | €4,688.48 |
| **2024** | | |
| Jannar | €151,360.04 | €195,105.02 |
| Frar | €456,533.49 | €96,709.02 |
| Marzu | €145,303.18 | €1,214,645.62 |
| April | €280,656.43 | - |
| Mejju | €407,493.36 | €171,190.24 |
| Ġunju | €116,931.32 | - |
| Lulju | €207,802.53 | €84,242.18 |
| Awwissu | €181,399.70 | - |
| Settembru | €241,811.80 | €101,159.46 |
| **Total** | **€3,339,277.12** | **€2,437,451.71** |

Seduta 263
15/10/2024

**L-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – KERA TA' PROPRJETAJIET FIŻ-ŻURRIEQ**

**21709. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jelenka, anke permezz ta' pjanti, liema huma l-garaxxijiet u postijiet li l-Awtorità tal-Artijiet qed tirċievi kera għalihom imma ma tistax tbigħhom għaliex għadhom ma ġewx akkwistati mill-Gvern? Jista' jgħid ukoll jekk garaxxijiet u postijiet inħarġux għal bejgħ jew hemmx il-ħsieb li jinħarġu għal bejgħ mill-istess Awtorità fi Triq Karmnu Zammit u Triq Wied Babu, iż-Żurrieq?

09/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari19318.

Seduta 263
15/10/2024

**ĦAŻ-ŻABBAR - TRIQ L-ISKOLA - ENFORCEMENT NOTICES ATTIVI**

**21710. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' Enforcement Notices li għadhom attivi, ta' każijiet fi Triq l-Iskola, Ħaż-Żabbar li turi n-numru tal-EC, id-data meta nħarġet u deskrizzjoni qasira ta' x'azzjonijiet ittieħdu?

09/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija s-segwenti:

| Numru tal-avviż | Indirizz | Deskrizzjoni tal-iżvilupp illegali | Azzjonijiet li ttieħdu sal-lum |
|---|---|---|---|
| EC/00097/24 | St Paul, Triq l-Iskola, Zabbar | Għandek żvilupp mhux skont il-permess PB/0497/61, u dan billi nbidel l-użu ta' maħżen għal post fejn issir tiswija u manutenzjoni ta' vetturi (mechanic workshop), mingħajr permess. | L-avviż ta' infurzar inħareġ fit-3 ta' Lulju 2024, u s-sid irċevih fis-6 ta' Lulju 2024. Is-sid tal-post sostna li l-użu ilu għaddej snin, iżda ma kienx f'pożizzjoni li jipproduċi liċenzja tal-użu. Fl-24 ta' Lulju 2024 saret spezzjoni oħra mill-uffiċjali tal-Awtorità tal-Ippjanar, u ġie kkonfermat li l-użu kien għadu ma waqafx. Il-każ ġie riferut biex tittieħed azzjoni diretta mill-Awtorità tal-Ippjanar biex jitwaqqaf l-użu, liema azzjoni tittieħed skont prijoritajiet ta' urġenza ta' każijiet. Fl-aħħar ġimgħat l-Awtorità rċeviet ukoll ilmenti rigward periklu minħabba parkeġġ ta' vetturi li jkunu qegħdin jissewwew fuq it-triq. L-Awtorità infurmat lil min għamel l-ilment li kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà, kif ukoll aġir li jiddisturba lill-ġirien mhumiex fil-kompetenza tal-Awtorità tal-Ippjanar. |
| EC/00065/04 | 64, Triq L-Iskola, Zabbar | Għandek ċumnija mhux skont il-pjanti approvati fil-permess PA 2485/02 datat 28 ta' Ġunju 2002, billi ma rtirajtx il-ġewwa mill-faccata skont kif indikat fil-pjanti approvati | L-avviż ta' infurzar inħareġ fit-28 ta' Jannar 2004 peress li ċ-ċuminija ma kinitx irtirata mill-faċċata ta' quddiem skont id-distanza indikata fuq il-pjanta approvata tal-permess PA/2485/02. Il-każ kien riferut biex tittieħed azzjoni diretta mill-Awtorità tal-Ippjanar, liema azzjoni tittieħed skont prijoritajiet ta' urġenza ta' każijiet. Fi Frar 2024, sid il-proprjetà talab biex l-avviż ta' infurzar jingħalaq peress li ċ-ċumnija kienet modifikata. Iżda l-avviż ma jistax jingħalaq peress li ċ-ċumnija mhix irtirata skont il-qisien murijin fuq il-pjanta approvata. |

Seduta 263
15/10/2024

**IX-XGĦAJRA - TENDER**

**21711. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għal AD 01 dwar sit fix-Xgħajra jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-file relatat mat-Tender ippubblikat fit-8 ta' Jannar u jindika għaliex inħareġ it-tender wara li nbidel l-użu tas-sit minn Bar għal Restaurant? Jista' jindika min rebaħ it-tender u jippreżenta x-schedule tal-bids? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm xi intervent mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar dan is-sit partikolari u jekk hemmx il-ħsieb illi l-Awtorità tal-Artijiet tieħu lura l-post ġaladarba x-xogħlijiet waqfu?

09/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li l-Awtorità tal-Artijiet kienet ħarġet tender ta' post fix-Xgħajra b'użu ta' bar u restaurant fit-8 ta' Jannar 2021. Dan it-tender kien inħareġ wara li l-inkwilin li qabel kellu dan il-post f'idejh irritorna ċ-ċwievet lill-Awtorità u b'konsegwenza ta'dan, il-fond kien ġie battal. It-tender maħruġ kien isegwi erba' applikazzjonijiet li kienu daħħlu minn persuni differenti b'talba għall-ħruġ ta' tender u l-proċess segwa l-procedura stabbilta mill-Awtorità. Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-iskeda ta' dawk li tefgħu l-offerta tagħhom. Il-kumpanija li tefgħet l-ogħla offerta kienet ingħatat il-kuntratt ta' kera. Ninsab infurmat li l-Awtorità qed tevalwa l-pożizzjoni tagħha fid-dawl tal-iżvilluppi riċenti.

Seduta 263
15/10/2024

**ĦAL FAR U ĦAL BLANDUN - NEW WATER**

**21712. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20821 u tgħid meta hemm il-ħsieb li jitwassal in-new water fl-inħawi ta' Ħal Far u Ħal Blandun u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanta ta' kif se tkun is-sistema tad-distribuzzjoni fl-inħawi?

09/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari21584.

Seduta 263
15/10/2024

**ĦAL FAR - TRIQ ĦAL FAR U Ż-ŻONA TA' ĦAL BLANDUN - XOGĦLIJIET**

**21713. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20820 u tgħid meta se jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq Ħal Far, f'Ħal Far u fiż-żona ta' Ħal Blandun?

09/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li x-xogħlijiet min-naħa ta' Enemalta tlestew u t-triq reġgħet ingħatat l-asfalt skont il-permess maħruġ minn Transport Malta.

Seduta 263
15/10/2024

**BIRŻEBBUĠA – BAJJA TA' SAN ĠORĠ – SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**21714. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Peress li mill-bidu tas-sajf il-Bajja ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa kellha tingħalaq darbtejn minħabba żbroff ta' drenaġġ, tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx ħsieb li jsiru xogħlijiet ta' upgrade tas-sistema ta' drenaġġ f'dawn l-inħawi, u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra pjanti relatati ma' dan l-upgrade?

09/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġà ntqal u kien rappurtat pubblikament aktar minn darba, dak li qed jirreferi għalih fil-mistoqsija tiegħu ma kienx relatat ma' nuqqasjiet fl-infrastruttura tas-sistema tad-drenaġġ tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Wieħed mill-inċidenti seħħ minħabba rimi llegali li sar minn terzi u l-ieħor minħabba żbroff f'latrina pubblika. Qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopji ta' rapporti li dehru fil-midja. Il-Korporazzjoni qed taħdem bla heda fuq proġett ta' tisħiħ tan-newterk tad-drenaġġ fl-akwata kollha, bħala parti mill-Pjan ta' Investiment Nazzjonali tagħha.

Seduta 263
15/10/2024

**BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ - LATRINA PUBBLIKA**

**21732. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 19637 u 20677, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' fejn u kif ser issir il-latrina pubblika f'Baħar iċ-Ċagħaq u meta hu mistenni li jibda u jispiċċa x-xogħol fuq din il-latrina?

09/10/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' fejn se ssir il-latrina. Din il-latrina se tkun waħda mis-Self Cleaning Public Toilets li se jibdew jiġu introdotti f'pajjiżna mis-sena d-dieħla.
Seduta 263
15/10/2024

**SANTA VENERA - TRIQ PATRI ĠUSTIN SANT - LIFT FI BLOKK**

**21733. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20679, jista' l-Ministru jgħid jekk inħarġitx l-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) għal lift fi Blokk H fi Triq Patri Ġustin Sant, Santa Venera u jekk le, għaliex le?

09/10/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-approvazzjoni għax-xogħlijiet msemmija fil-mistoqsija tiegħu ħarġet mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni fis-17 ta' Lulju 2024.
Seduta 263
15/10/2024

**KORS TA' VETERINARJU - AKKREDITAZZJONI**

**21740. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jispjega kif ser ikun akkreditat il-kors ta' Veterinarju u jekk hux ser ikollu l-istess tip ta' warrant ta' veterinarji li diġà gradwaw snin qabel?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 263
15/10/2024

**TA' QALI – SPTAR TAL-ANNIMALI**

**21741. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun qed jiftaħ l-isptar tal-annimali ġewwa Ta' Qali kemm għall-pubbliku biex jingħata servizz għall-annimali tiegħu, għall-annimali li jinġabru mill-ambulanza tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u kif ukoll biex l-istudenti li qed jattendu l-kors ta' Veterinarju jibdew parti mill-istudju tagħhom hekk kif kien ġie mħabbar?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 263
15/10/2024

**STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦALL-ANNIMALI U L-ĦARSIEN TAGĦHOM**

**21742. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Bħala waħda mill-wegħdiet għall-Baġit maħsub għal din is-sena, jista' l-Ministru jgħid meta ser tiġi ppubblikata l-Istrateġija Nazzjonali għall-Annimali u l-Ħarsien?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq id-drafting tal-istrateġija għaddej b'ritmu tajjeb. Fix-xhur li ġejjin ser jibdew il-konsultazzjonijiet pubbliċi qabel l-istrateġija tiġi mnedija. Il-pubblikazzjoni finali hi dipendenti fuq l-andament tal-konsultazzjoni pubblika u n-numru ta' kummenti li ser jiġu sottomessi u skont in-numru u n-natura ta' emendi li jkollhom jidħlu fis-seħħ fid-dokument finali.

Seduta 263
15/10/2024

**SANTWARJI - SKEMA GĦALL-GĦAJNUNA FINANZJARJA**

**21743. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl tal-wegħda li kienet ser tinħareġ skema fejn is-santwarji jistgħu japplikaw biex jingħataw għajnuna finanzjarja u riżorsi umana biex dawn jittranġaw u jingħatalhom servizz ta' manutenzjoni, jista' l-Ministru jgħid kemm kienu s-santwarji li applikaw għal dan u kemm minn dawn l-applikazzjonijiet bdew fil-verità jitqiesu s'issa u allura jekk bediex xi xogħol fihom?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hekk kif ġie mwiegħed, il-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli nieda skema li tagħti għajnuna permezz ta' xogħlijiet lil santwarji liċenzjati skont il-Liġi Sussidjarja 439.14 - Regolamenti dwar Standards Minimi għal Santwarji tal-Annimali.

L-applikazzjonijiet għal tali skema għadhom miftuħa u ser jiġu milqugħa sal-25 t'Ottubru 2024.

Seduta 263
15/10/2024

**ART MHUX UŻATA - SANTWARJI**

**21744. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid wara l-wegħda lil NGOs li setgħu jsibu biċċa art mhux użata u li kien ser jgħinhom biex jiżviluppawha f'postijiet fejn setgħu jagħmlu santwarju, jekk allura kellux talbiet minn dawn u jekk iva, lil liema minnhom għen u finalment fejn kienu l-artijiet li ser jiġu allokati għal dan il-pjan?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 263
15/10/2024

**ANIMAL HONOURS AWARDS 2024 - NEFQA TOTALI**

**21745. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet in-nefqa totali biex ittellgħet is-serata li fiha ġew ippremjati setturi differenti f' 'Animal Honours Awards' 2024?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li n-nefqa totali tal-Animal Honours Awards ta' din is-sena ammontat għal € 21,412.38.

Seduta 263
15/10/2024

**TRASPORT PROVDUT LILL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**21759. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'għajnuna tingħata mill-Ministeru tagħha jew minn xi entità/awtorità/dipartiment li jaqa' taħtha, fir-rigward ta' trasport lill-persuni b'diżabilità sabiex dawn imorru fuq il-post tax-xogħol tagħhom?

09/10/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Aġenzija Sapport tmexxi l-iskema magħrufa bħala Empowerment Scheme. Fost il-benefiċċji u sussidji koperti, l-Empowerment Scheme toffri sussidju fuq servizz ta' trasport individwalizzat lill-persuni b'diżabilità li jkunu jeħtieġu li jmorru għax-xogħol, kif ukoll dawk li jeħtieġu trasport biex imorru f'istituzzjoni ta' edukazzjoni post-sekondarja jew jattendu attivitajiet sportivi fejn l-applikant ikun abbonat ma' klabb/organizazzjoni sportiva. Dan is-sussidju jingħata lill-persuni b'diżabilità li ma jkunux jistgħu jagħmlu użu mit-trasport pubbliku.
Seduta 263
15/10/2024

**TRASPORT PROVDUT LILL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**21760. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'għajnuna tingħata mill-Ministeru tagħha jew minn xi entità/awtorità/dipartiment li jaqa' taħtha fir-rigward ta' trasport lill-persuni b'diżabilità sabiex dawn imorru l-iskola, MCAST, l-Università, jew xi post ta' tagħlim ieħor?

09/10/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21759.
Seduta 263
15/10/2024

**SPTAR MATER DEI - KROZZI**

**21761. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwie[eb il-mistoqsija parlamentari 21558 u jgħid jekk fl-Isptar Mater Dei hemmx nuqqas ta' krozzi li jistgħu jinkrew? Jista' jgħid ukoll għaliex qed jingħad lil persuni li għandhom bżonn il-krozzi biex imorru jixtruhom minflok?
09/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li bħalissa hemm krozzi fl-isptar Mater Dei.

Seduta 263
15/10/2024

**SKOLA GUARDIAN ANGEL - PROGRAMM ALTERNATTIV**

**21762. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsjia parlamentari 21547 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19038, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid jekk il-programm alternattiv li ngħata lill-istudenti tal-Iskola Guardian Angel ingħatax fl-istess skola, u ċjoè l-Iskola Guardian Angel? Jekk le, fejn ingħata dan il-programm?

10/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-programm ma ngħatax l-iskola Guardian Angel, iżda Hand in Hand.

Seduta 263
15/10/2024

**SKOLA - ABBUŻ FIŻIKU - RAPPORTI**

**21763. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21550 u jgħid jekk sarux rapporti lill-pulizija dwar abbuż fiżiku minn edukatur/edukaturi fuq student/studenti fl-iskola li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament matul is-snin 2021, 2022, 2023 u 2024? Jekk iva, meta saru dawn ir-rapporti?

10/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija diġà twieġbet permezz tal-mistoqsija parlamentari 21551.
Seduta 263
15/10/2024

**MUT - SKOLA GUARDIAN ANGEL - DIRETTIVI**

**21764. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21552 u jgħid jekk il-Malta Union of Teachers (MUT) ħarġitx direttivi fir-rigward tal-Iskola Guardian Angel matul is-snin 2021, 2022, 2023 u 2024? Jekk iva, liema huma, għaliex inħarġu, meta nħarġu u meta twaqqfu?

10/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.
Seduta 263
15/10/2024

**JOPSPLUS - TAĦRIĠ TAL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ - FONDI ADDIZZJONALI**

**21765. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk Jobsplus ġabitx fondi addizzjonali għal taħriġ fis-settur tax-xogħol għal persuni b'diżabilità? Jekk iva, it-taħriġ ser ikun estiż għal dawk li hemm fix-sheltered employment u jekk iva, għal kemm jammontaw dawn il-fondi? Jista' jgħid ukoll jekk dawn il-fondi hux ser jintużaw biex persuni b'diżabilità mingħajr ħiliet ta' xogħol jiġu mħarrġa biex huma wkoll isibu posthom fid-dinja tax-xogħol? Kif ser isir dan?

10/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li kmieni din is-sena Jobsplus issottomettiet applikazzjoni ta' proġett taħt ESF+ (2021-2027) imsejjaħ VASTE II. Dan il-proġett jinkludi diversi inizjattivi biex jiġu mħarrġa u mgħejuna persuni vulnerabbli fosthom nies b'diżabilità biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Jobsplus għad trid tirċievi l-approvazzjoni mill-Awtorità responsabbli mill-Fondi Ewropej biex tibda timplimenta dan il-proġett.
Seduta 263
15/10/2024

**VIDEOGAMING GRANT SCHEME - FINANZI**

**21768. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid minn meta (sena u xahar) bdew jiġu vvutati finanzi fil-Baġit għall-Videogaming Grant Scheme? Kemm ġew allokati flus kull sena, sena b'sena? Kemm intużaw flus kull sena, sena b'sena u lil liema kumpaniji u/jew individwi ngħataw dawn il-fondi, kemm ingħataw u x'kienu l-parametri jew il-kriterji li ġew meqjusa fl-għoti ta' kull għotja, sena b'sena?

10/10/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li mill-2019, Malta għamlet passi sinifikanti biex tistabbilixxi lilha nnifisha bħala ċentru kompetittiv għall-iżvilupp tal-video games, l-esports, u l-industriji tat-teknoloġija immersiva.

Minkejja l-isfidi globali li rriżultaw fiż-żmien il-pandemija bil-miżuri proattivi ta' Malta ppermettew lill-pajjiż irawwem ekosistema li qed tikber, tattira studios internazzjonali, trawwem talent lokali, u jospita avvenimenti globali.

Għaldaqstant qed iniqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra d-dokument tal-viżjoni tal-Gvern għas-setturi tal-Video Games u tal-eSports u l-informazzjoni mitluba.

Seduta 263
15/10/2024

**E-SPORT/E-SPORT POLICY - FINANZI**

**21769. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid minn meta (sena u xahar) bdew jiġu vvutati finanzi fil-Baġit għall-E-Sport u/jew E-Sport Policy? Kemm ġew allokati flus kull sena, sena b'sena? Kemm intużaw flus kull sena, sena b'sena u lil liema kumpaniji u/jew individwi ngħataw dawn il-fondi, kemm ingħataw u x'kienu l-parametri jew kriterji li ġew meqjusa fl-għoti ta' kull għotja, sena b'sena?

10/10/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 21768.

Seduta 263
15/10/2024

**EDUCATIONAL INITIATIVES (GAMING MALTA) - FINANZI**

**21770. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid minn meta (sena u xahar) bdew jiġu vvutati finanzi fil-Baġit għall-Educational Initiatives (Gaming Malta)? Kemm ġew allokati flus kull sena, sena b'sena? Kemm intużaw flus kull sena, sena b'sena u lil liema kumpaniji u/jew individwi ngħataw dawn il-fondi, kemm ingħataw u x'kienu l-parametri jew kriterji li ġew meqjusa fl-għoti ta' kull għotja, sena b'sena?

10/10/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 21768.

Seduta 263
15/10/2024

**GAMINGMALTA FOUNDATION - FINANZI**

**21771. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid minn meta (sena u xahar) bdew jiġu vvutati finanzi fil-Baġit għall-GamingMalta Foundation (GamingMalta)? Kemm ġew allokati flus kull sena, sena b'sena? Kemm intużaw flus kull sena, sena b'sena u lil liema kumpaniji u/jew individwi ngħataw xi fondi minn GamingMalta Foundation, kemm ingħataw u x'kienu l-parametri jew kriterji li ġew meqjusa fl-għoti ta' kull għotja, sena b'sena?

10/10/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 21768.
Seduta 263
15/10/2024

**IN-NAXXAR - KULLEĠĠ MARIA REĠINA - MIDDLE SCHOOL – POSTIJIET TA' PARKEĠĠ GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**21782. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi n-numru ta' postijiet ta' parkeġġ għal persuni b'diżabilità fl-Iskola tan-Naxxar Middle School, li mhumiex parkeġġi riservati iżda postijiet ta' parkeġġ uffiċjali, miżbugħin apposta?

11/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.
Seduta 263
15/10/2024

**INJEZZJONI KONTRA L-INFLUWENZA**

**21783. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-injezzjoni kontra l-influwenza hix se tingħata fil-klinika eżistenti fil-Mellieħa?

11/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li din is-sena it-tilqim li ser jingħata mhux l-istess bħal fis-snin imgħoddija. Dan ifisser illi l-programm ta' tilqim rakkomandat għal din ix-xitwa ħa jkun jilqa' għall-infezzjonijiet tal-viruses tal-influwenza, COVID-19 u Pneumococcus. Matul ix-xhur tax-xitwa, dawn l-infezzjonijiet mingħajr dawn it-tilqim, iwasslu għall-mard serju f'persuni anzjani.
Kif ħabbart f'konferenza stampa aktar kmieni llum, l-istrateġija tal-Gvern hi li persuni 'il fuq minn 65 sena jeħduhom it-tlieta għax it-tlieta li huma tal-akbar benefiċċju sew għall-persuni ndividwali kif ukoll għas-sistema tas-saħħa nġenerali. Li jittieħdu l-vaċċini fl-istess ħin huwa l-aktar mod effikaċi biex jintlaħqu dawn il-miri. Madankollu hemm riskji ta' side-effects (allerġiji) li jistgħu jkunu mmedjati. Għaldaqstant is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika tirrakomanda li din is-sena, t-tilqim jiġi amministrat taħt is-superviżjoni ta' tabib li jkun preparat għal xi eventwalità.

Seduta 263
15/10/2024